MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 2066/2000/1

**Lombard Bank Malta plc**

**v.**

**Louis u Silvana konjugi Naudi bhala debituri principali u Joseph Naudi bhala garanti solidali u b'digriet tat-30 ta' Jannar 2007, Dr Patrick Valentino u l-P.L. Victor Bugeja gew nominati kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta' Joseph Naudi li miet fil-mori ta' dan l-appell**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-bank attur li tghid hekk:

“Peress illi l-Bank attur jinsab kreditur tal-konvenuti Louis u Silvana konjugi Naudi fl-ammont ta’ hamest elef mija tmienja u ghoxrin liri Maltin, tmienja u tletin centezmi (Lm5,128.38) bilanc ghad-debitu fil-‘loan account’ li ghandhom il-konvenuti ma’ l-istess Bank, bl-interessi kkalkolati sa l-ewwel (1) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) skond ‘statement’ hawn anness u mmarkat Dok “A”, oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnejn (2) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv.

“Premess illi permezz ta’ skrittura privata li ggib id-data tat-tmienja (8) ta’ Mejju elf disgha mija wiehed u disghin (1991) li l-originali taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “B” il-konvenut Joseph Naudi ggarantixxa solidalment mal-konvenuti l-ohra il-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu sal-ammont ta’ tlett elef liri Maltin (Lm3000) skond kif hemm ahjar deskritt.

“Premess illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti .

“Jghidu ghalhekk il-konvenuti, ghaliex ghar-ragunijiet premessi m’ghandhomx minn din l-Onorabbli Qorti:-

“1. jigu l-konvenuti kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta’ tlett elef liri Maltin (Lm3000)

“2. Jigu l-konvenuti Louis u Silvana konjugi Naudi kkundannati sabiex ihallsu lill-Bank attur il-bilanc ta’ elfejn, mija tmienja u ghoxrin liri Maltin, tmienja u tletin centezmi (Lm2,128.38) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnejn (2) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) sad-data tal-pagament effettiv.

“Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-26 ta’ Frar 2000, tal-mandat ta’ qbid u sekwestru kkawtelatorji pprezentati kontestwalment ma’ din il-kawza, u bl-imghaxijiet legali mit-2 ta’ Settembru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Louis Naudi et li in forza taghha eccepew illi:
“1. Illi l-ewwel premessa tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici u li tikkoncerna lill- konvenuti Louis u Silvana konjugi Naudi, salv il-prova fuq l-ammonti dovuti, m’hijiex kontestata;

“2. Illi l-konvenut Joseph Naudi fil-kapacita’ tieghu ta’ garanti solidali tad-debituri principali Louis u Silvana konjugi Naudi, kien iggarantixxa il-hlas da parti l-imsemmija debituri principali tas-somma ta’ tlett t’elef lira Maltija (Lm3000) fuq *loan account* li kien garantit ukoll *inter alia* minn rahan fuq erba’ *life policies*, li minnhom is-socjeta’ attrici thallset il-*cash surrender value* taghhom;

“3. Illi l-hlas tal-*cash surrender value* ghal tlieta minn dawn il-*life policies* sar minghajr il-firma tal-konvenut Louis Naudi li fuqu kienu mahruga dawn l-istess *policies* ;

“4. Illi wara li s-socjeta’ attrici thallset fuq il-loan account garantit mill-konvenut Joseph Naudi, u ghalhekk kellu jigi liberat Joseph Naudi bhala garanti solidali, is-socjeta’ attrici estendiet facilitajiet ta’ kreditu ohra favur il-konvenut Louis Naudi, u li ghalihom l-istess konvenut Louis Naudi ffirma skrittura privata ta’ kostituzzjoni ta’ debitu (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok A), minghajr ebda garanzija, u wisq inqas minghajr il-konvenut Joseph Naudi bhala garanti solidali, u dan ukoll ghaliex il-konvenut Louis Naudi iffirma dik l-iskrittura privata bl-imtendiment li jigi liberat Joseph Naudi wara li s-socjeta’ attrici kienet thallset fuq il-*loan account* li kien iggarantixxa l-konvenut Joseph Naudi;

“Salv eccezzjonijiet ohra.”

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti li tghid hekk:
“Illi l-eccipjenti jridu jinqdew bic-citazzjoni illi ghamlet is-socjeta` attrici biex jaghmlu kontro-talba fis-sens illi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

“Premess illi l-konvenut Joseph Naudi fil-kapacita’ tieghu ta’ garanti solidali tad-debituri principali Louis u Silvana konjugi Naudi, kien iggarantixxa il-hlas da parti l-imsemmija debituri principali tas-somma ta’ tlett t’elef lira Maltija (Lm3,000) fuq *loan account* li kien garantit ukoll *inter alia* minn rahan fuq erba’ *life policies*, li minnhom is-socjeta’ attrici thallset il-*cash surrender value* taghhom;

“Premess il-hlas tal-*cash surrender value* ghal tlieta minn dawn il-*life policies* sar minghajr il-firma tal-konvenut Louis Naudi li fuqu kienu mahruga dawn l-istess *policies*;

“Premess illi wara li s-socjeta’ attrici thallset fuq il-*loan account* garantit mill-konvenut Joseph Naudi, u ghalhekk kellu jigi liberat Joseph Naudi bhala garanti solidali, is-socjeta’ attrici estendiet facilitajiet ta’ kreditu ohra favur il-konvenut Louis Naudi, u li ghalihom l-istess konvenut Louis Naudi ffirma skrittura privata ta’ kostituzzjoni ta’ debitu (kopja taghha hawn annessa u mmarkata Dok A), minghajr ebda garanzija, u wisq inqas minghajr il-konvenut Joseph Naudi bhala garanti solidali, u dan ukoll ghaliex il-konvenut Louis Naudi iffirma dik l-iskrittura privata bl-intendiment li jigi liberat Joseph Naudi wara li s-socjeta’ attrici kienet thallset fuq il-*loan account* li kien iggarantixxa l-konvenut Joseph Naudi;

“Premess illi bhala rizultat ta’ dan l-agir da parti s-socjeta’ attrici, l-eccipjenti soffrew danni li ghalihom hija unikament responsabbli s-socjeta’ attrici;

“Tghid ghalhekk is-socjeta` attrici ghar-ragunijiet premessi ’l ghaliex m’ghandhiex minn din l-Onorabbli Qorti:

“1. Jigi dikjarat u deciz illi huma responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-eccipjenti.

“2. Jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-eccipjent; u

“3. Konsegwentement l-istess socjeta’ attrici jigu kkundannati jhallsu lill-eccipjenti dik is-somma ili tigi hekk likwidata.

“Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` attrici ingunti minn issa biex jidhru ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-bank attur ghat-talba rikonvenzjonali li in forza taghha eccepiet illi:
“1. Illi preliminarjament il-konvenuti ma sofrew ebda danni a kawza ta’ xi inadempjenza da parti tal-Bank attur rikonvenzjonat, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;

“2. Illi mhuwiex minnu dak li qeghdin jallegaw il-konvenuti li l-Bank attur thallas fuq il- “loan account “ garantit mill-konvenut Joseph Naudi – kull ma kien gara kien li din il-facilita giet trasferita mill-fergha ta’ tas-Sliema ghall-fergha tal-Belt fejn giet amalgamata ma kontijiet ohrajn.

“3. Illi l-firma tal-konvenut Louis Naudi ghall-hlas tal-cash surrender value tal-life policies moghtija b’rahan favur il-Bank ma kinitx neccessarja, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“4. Illi l-garanzija moghtija minn Joseph Naudi fil-kapacita’ tieghu ta’ garanti solidali qatt ma giet rilaxxata, sempliciment ghaliex il-Bank attur rikonvenzjonali qatt ma thallas l-ammont dovut lilu, u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“5. Illi m’huwiex minnu li l-Bank attur rikonvenzjonali estenda facilitajiet ta’ kreditu ohra favur il-konvenut Louis u Silvana konjugi Naudi. Il-kostituzzjoni ta’ debitu ffirmat minnhom ma kienx ghotja ta’ facilitajiet bankarji godda izda konferma tad-debitu ezistenti, u qatt ma kienet l-intenzjoni li l-konvenut Joseph Naudi jigi rilaxxat mill-garanzija u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Ghaldaqstant il-kontro-talba tal-konvenuti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2003, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens illi:
"tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment sabiex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000); (salv li l-pagamenti li saru ghandhom l-ewwel imorru biex ikopru d-debitu kopert bil-garanzija personali);

"u tikkundanna lill-konvenuti Louis u Silvana konjugi Naudi sabiex ihallsu lill-Bank attur il-bilanc ta' elfejn, mija tmienja u ghoxrin liri Maltin, tmienja u tletin centezmi (Lm2,128.38) u dan oltre l-imghaxijiet ulterjuri mit-tnejn (2) ta' Settembru, 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

"Tichad il-kontrotalba;

"Spejjez kollha ghall-konvenuti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
**"Ammont mitlub fic-citazzjoni**

"F'dina l-kawza l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenuti solidalment sabiex ihallsu s-somma ta' Lm3,000 u lill konvenuti konjugi Naudi l-bilanc ta' Lm2,128.38, oltre l-imghax ulterjuri mit-2 ta' Settembru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament.

"Fl-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu li l-ewwel premessa tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici u li tikkoncerna lill-konvenuti konjugi Naudi, salv il-prova fuq l-ammonti dovuti, m'hijiex kontestata. Il-konvenuti konjugi Naudi ghalhekk qed jammettu li ghandhom jaghtu l-ammont mitlub, salv il verifika tal-kontijiet.

"Dwar dana, l-atturi gabu prova - ara Dok a fol. 43 sa 59 - li l-ammont mitlub huwa dovut.

**"Kontrotalba**

“Il-konvenuti pero` qed jirreklamaw danni in forza tal-kontrotalba taghhom.

**“Garanzija ta’ Joseph Naudi**

“Huma qed jissottomettu li l-ewwelnett Joseph Naudi m’ghandu jaghti xejn ghax dika l-parti tad-debitu garantit minnu gie sodisfatt bi hlas favur il-bank bil-*cash surrender value* ta’ erba’ *life policies*, u li l-iskrittura privata ta’ kostituzzjoni ta’ debitu iffirmata mill-konjugi Naudi ma kienitx tinkludi l-garanzija li kien iffirma Joseph Naudi.

“Dwar dana, Alex Cutajar, prodott mill-attur, xehed li l-konvenuti kienu inghataw facilitajiet fil-1991 mis-Sliema branch. Il-konvenuti kienu fethu kont fl-10 ta’ Marzu, 1990 bhala *Loan Account* u iehor fit-28 ta’ Novembru, 1990 bhala *Overdraft Account*. Bhala garanzija l-Bank kien ha erba’ *life policies* u garanzija personali tal-konvenut Joseph Naudi. Dok B fol. 6 datata 8/5/91. Il-konvenuti kellhom ukoll *Loan Account* iehor il-Belt li kien infetah fil 29/8/91. Billi l-konvenuti kienu qed ikunu lura fil-pagamenti l-facilitajiet ta' Tas Sliema gew trasferiti u amalgamati f’’facilita wahda l-Belt biex il-bank jkun jistgha jikkontrolla. Dina l-facilita nfethet bl-istess ammonti li kien hemm tas-Sliema. Huma kienu gharrfu b'dana lill konvenut Dok RB6 fol. 43 u dana kien iffirma l-accettazzjoni. Mill-Belt imbaghad il-konvenuti nghataw facilita ohra. Kien sar *rescheduling of payment* izda l-konvenut ma zammx dan is-*schedule*. Minhabba f'hekk kienu sarfu l-*life policies* u qalu lill konvenut biex jaghmel kostituzzjoni ta' debitu Dok RB 1 fol. 48 u dana kien accetta u ffirma l-iskrittura. Meta saret dina l-iskrittura l-garanzija ta' Joseph Naudi baqghet tkopri is-self ta’ qabel u l-bank ma rrilaxxjahx minn dina l-obbligazzjoni. Huma qatt ma qalu lill Joseph Naudi li kienu qed jirrilaxxjawh billi l-konvenuti ma kienux hallsu. Ix-xhud sostna li l-kostituzzjoni ta' debitu saret biex tikkonferma d-debitu ezistenti (Dok fol. 48) u ma nghatatx facilita gdida. Il-facilita li kien hemm garanzija fuqha ma kienitx ghada thallset u ghalhekk baqghu jinsistu fuq dika l-garanzija. Cutajar cahad li kien hemm xi ftehim li meta tigi ffirmata l-iskrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu l-garanti jigi liberat.

Dan gie konfermat mic-chairman ta' dak iz-zmien Albert Muscat.

"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi u rat id-dokumenti ezibiti tasal ghall konkluzzjoni li fil-fatt l-facilita li ghaliha Joseph Naudi ghamel garanzija personali ma thallsitx. Il-bank kien amalgama l-kontijiet kollha f'kont wiehed il-Belt u dana gie accettat mill-konvenuti. Ghalhekk Joseph Naudi baqa' marbut bil-garanzija li kien ghamel, billi l-facilita ma kienitx giet estinta imma baqghet in vigore. Meta saret il-kostituzzjoni ta' debitu, ma nghatat ebda facilita gdida, izda kien hemm biss konferma ta' l-ammont li kien ghadu dovut mill-konvenuti, u dina l-iskrittura saret separatament u oltre l-facilitajiet li kien hemm pendenti. Ghalhekk f'dika l-iskrittura ma kienx hemm bzonn li jissemma l-garanti u lanqas jigi nfurmat bl-iskrittura li saret.

"Kwantu ghar-rikavat mill-*life policies* (ammont ta' Lm2,750.56 dok a fol 75 sa 77) dan ma kienx bizzejjed biex ikopri l-ammont (kapital u imghax) li kien qed jigi garantit minn Joseph Naudi. Il-bank uza dawn il-flus biex jaqta' d-debitu ezistenti li kien f'dak l-istadju gie amalgamat f'kont wiehed.

**"Bejgh tal Life Policies**

"Il-konvenuti ghamlu referenza ghall artikoli 1970 u 1973 tal-Kap 16 li jiddisponu hekk:

"**1970.**(1) Il-kreditur, minbarra Il-Monti, ma jistax jiddisponi mir-rahan fin nuqqas ta' hlas: izda hu ghandu jedd jitlob il-bejgh tal-haga fl-irkant taht is-setgha tal-qorti.

(2) It-talba tal-kreditur ghal dan il-bejgh tista' ssir imqar b'rikors u l-qorti tista' fuq din it-talba tordna l-bejgh tar-rahan, jekk id-debitur jew min jidher ghalih skond il-ligi, wara li jigi nnotifikat kif imiss b'kopja ta' dak ir-rikors, biz-zmien ta' tliet ijiem sabiex iwiegeb, jonqos li jwiegeb jew ma jaghmilx opposizzjoni ghat-talba.

"**1973.** Kull patt li jaghti s-setgha lill-kreditur li jiehu bi proprjet r-rahan, jew li jiddisponi minnu minghajr ma

jhares il-procedura msemmija fl-artikolu 1970, jew li jnehhi lill-kreditur jew lid- debitur il-jedd li jitlob il-bejgh tar-rahan kif jinghad fl-artikoli 1970, 1971 u 1972, huwa null.

"Il-konvenuti qed jissottomettu li l-iskrittura privata (*pledge form*) li kkostitwiet ir-rahan fuq il-*life policies* tal-konvenut Louis Naudi, li biha tah id-dritt lill bank biex jiddisponi mill-*life policies* minghajr ma josserva r-regola kontenuta fl-artikolu 1970 (1) hija nulla u bla effett. In konsegwenza ta' dana l-konvenuti sofrew danni konsistenti f'telf ta' profitt, li kieku l-Bank ipproceda bil-bejgh permezz ta' sensal pubbliku jew istitut bankarju iehor.

"Dwar it-talba tal-konvenuti ghal danni, l-Qorti tirrileva li l-konvenut ma gab l-ebda prova li huwa sofra xi danni; f'hiex kienu jikkonsistu u kemm kien l-ammont ta' dawn id-danni. Kull ma hemm fil-process hija biss ix-xhieda tal-konvenut li fl-ebda hin ma jispecifika jew jikkwantifika l-allegati danni. Il-konvenut ma ndikax x'tip ta' *policies* kienu dawn, jekk, per ezempju, kellhomx *bonus* maghhom. Hu ma gab ebda indikazzjoni jew stima mill-esperti dwar xi prezz li setghu jgibu fis-suq bil-bejgh bl-irkant.

"Fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna nsibu li:

***"La convenzione di potere il creditore vendere il pegno senza le congrue procedure giudiziarie, vietata dalla legge, e' la convenzione contestuale al pagamento. La legge, pero` non vieta che, dopo il pignoramento, il debitore, a scanso di spese, possa validamente autorizzare il creditore a vendere il pegno sena alcuna formalita*** **(Vol 25 p 3 p 799).**

**"Dak li l-ligi tipprojbixxi f'materja ta' rahan, taht piena ta' nullita`, huwa kull patt li jawtorizza lill kreditur li japproprja ruhu mir-rahan jew jiddisponi minnu minghajr il-formalitajiet preskritti mill-ligi, jew li jnehhi, id-dritt li jitlob il-bejgh tar-rahan. Imma l-bejgh tar-rahan lill-istess kreditur fi ftehim li jsir <u>wara</u> li jkun sar il-kuntratt tar-rahan, u indipendentement minnu, ma hux projbit mil-ligi, purche` dan isir mhux in frode**

**tal-ligi, jigifieri ma jkunx miftiehem fil-mument tal-kontrattazzjoni tar-rahan imma jigi effettwat wara, ghax altrimenti l-debitur ma jkunx qed igawdi mill-liberta' fil-kontrattazzjoni, li hi wahda mill-element essenzjali rikjesta ghal validita tal-convenzjoni. (Vol 32 p 2 p 6)**

"Fil-kaz in ezami, l-konvenuti kienu liberi li jiehdu lura l-life policies appena huma jissaldaw id-debitu li kellhom mal-bank. **Izda** l-bank kien inghata mill-konvenuti id-dritt li jitlob il-*cash surrender value* tal-policies. Ghalkemm il-beneficarju fuq il-*policies* kien Louis Naudi, izda l-bank kien parti interessata li setgha kieku ried meta ra li d-debitur qed jonqos milli jhallas il-*premiums* li hu stess ihallas dawn il-*premiums* sabiex il-polza tibqa' fis-sehh u l-ammont relattiv li jithallas jigi debitat fil-kont tal-konvenuti.

"Inoltre jigi osservat li f'dan l-istadju l-*policies* gew *surrendered*, ir-rikavat thallas lill bank, u l-bank uza dana r-rikavat biex inaqqas mid-debitu dovut mill-konvenuti. Fil-fatt il-konvenuti qed jaqblu li l-ammont gie uzat biex jithallas id-dejn li kellhom, ghalkemm ma qablux bil-mod kif intuza. Il-konvenuti ma gabux prova li l-Bank setgha jgib aktar mill-ammont li hu effettivament gabar mill-*insurance*.

"Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-Qorti hi tal-fehma li ma tistax tghid li kien hemm xi illegalita' fil-mod kif agixxa l-Bank."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-bank attur;

Rat it-twegiba mressqa mill-appellant Joseph Naudi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-okumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li l-bank appellanti kien ta lill-konvenuti Louis u Silvana, konjugi Naudi, facilita` ta' *overdraft* u self, u l-hlas

lura ta’ dan l-*overdraft* u self gie garantit permezz ta’ garanzija personali tal-konvenut l-iehor Joseph Naudi (sa l-ammont ta’ Lm3,000) u permezz ta’ rahan fuq erba’ “*life policies*” registrati f’isem Louis Naudi. L-istess Louis Naudi kien ta lill-bank attur id-dritt li jiddisponi mil-“*life policies*”. Fil-fatt, wara li d-debituri principali waqghu lura fil-pagamenti lill-bank, u wara li sar *re-scheduling programme* ghar-radd lura tad-debitu li wkoll ma giex onorat, il-bank talab u nghata s-*surrender value* tal-“*life polices*” moghtija lilu b’garanzija. Ir-rikavat ta’ dawn il-poloz kien ta’ Lm2,750.56 li l-bank attur uza biex jaqta’ parti mid-debitu ezistenti. Wara li sar dan l-ezercizzju, kien baqa’ x’jithallas lura lill-bank l-ammont ta’ Lm5,128.38, *piu`* imghaxijiet ulterjuri.

Sa hawn l-ewwel Qorti qablet mat-tezi tal-bank attur, pero`, ordnat li r-rikavat tal-“life policies” ghandu l-ewwel iservi biex inaqqas l-ammont garantit minn Joseph Naudi, b’mod li dan ikun fadallu jhallas biss l-bilanc ta’ Lm249.44 (Lm3,000 tnaqqas Lm2,750.56), bil-bilanc ikun debitu tal-konvenuti Louis u Silvana Naudi biss.

L-appell tal-bank attur hu indirizzat biss fuq din l-ordni maghmula mill-ewwel Qorti, bl-argument jkun li z-zewg garanziji mehuda huma separati u distinti minn xulxin, u r-rikavat minn realizzazzjoni ta’ garanzija wahda m’ghandux isservi biex tnaqqas l-garanzija l-ohra. Kif inghad testwalment fir-rikors ta’ l-appell mill-bank attur biex issotni l-argument tieghu:

“M’hemm l-ebda vantagg li tiehu garanzija bankjarja u rahan fuq life polices, jekk wiehed jistenna li jekk il-“life policies” jigu “surrundered” u mir-rikavat jitnaqqas id-debitu dovut lill-Bank (bhala ma gara f’dan il-kaz), il-garanzija bankarja ghandha tigi rilaxxata wkoll ghaliex wiehed jikkancella lill-iehor, specjalment jekk, kif jirrizulta mill-kaz in ezami, l-ammonti koperti mill-mezzi ta’ garanziji kollha lanqas biss ikopru d-debitu dovut fl-intier tieghu.”

Din il-Qorti tara li l-argument tal-bank attur huwa legalment zbaljat. Iz-zewg garanziji, ghalkemm distinti, inghataw biex jiggarantixxu dejn wiehed b’mod indiviz, u

mhux partijiet distinti tad-dejn tal-konjugi Naudi. Fi kliem iehor, ma kienx hemm parti mid-dejn garantit b'garanzija wahda, u parti ohra garantita bil-garanzija l-ohra, imma d-debitu kien wiehed u indiviz garantit *in parte*, b'zewg modi. Issa skond il-ligi, meta jsir hlas akkont ta' dejn, jekk ma jkunx hemm accettazzjoni mid-debitur ta' l-appropriazzjoni li jkun jixtieq jaghmel il-kreditur, allura japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 1171 tal-Kodici Civili. Issa, skond l-Artikolu 1171(d), "*il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn imsahhah b'garanzija qabel dejn iehor mhux hekk imsahhah; u fuq id-dejn bi privilegg jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privilegg jew b'ipoteka*."

F'dan il-kaz ma jirrizultax, u lanqas ma hu allegat, li d-debituri accettaw xi appropriazzjoni partikolari tar-rikavat tal-"*life policies*" u allura b'applikazzjoni ta' dan l-artikolu, dak il-hlas li sar kellu, fl-ewwel lok iservi biex joqtol id-dejn b'munit bil-garanzija (b'"*suretyship*", fit-test Ingliz) ta' Joseph Naudi.

Interessanti li l-gurista **Ricci** ("Corso Teorico – Pratico di Diritto Civile", Vol. VI Titolo IV para. 262) wara li juri li, fil-kodici civili Taljan ta' zmienu, ma kenux gew stabbiliti kriterji ghall-appropriazzjoni ta' hlas, hlief li l-hlas ghandu jmur biex jissodisfa dak id-dejn jew parti minnu li d-debitur l-aktar ghandu interess li jissodisfa, jaghti ezempji ta' kif logikament ghandha ssir din l-appropriazzjoni, u jghid:
"*che un credito ipotecario si ha interesse ad estinguerlo a preferenza di altro semplicemente chirografario; che un credito, pel quale vi e` fideiussione, si ha interesse ad estinguerlo a preferenza di altro pel quale non c'e` fideiussione, quand'anche questo altro credito sia guarentito da ipoteca, dovendo interessare al debitore di liberarsi dell'azione che il fideiussore puo` contro lui esercitare; che un credito pel quale si ha un titolo esecutivo si ha interesse a soddisfarlo prima d'un altro sfornito di titolo esecutivo; cosi` pure l'obbligazzjone, cui e` annessa una decadenza, si ha interesse a soddisfarla prima di altra per la cui inesecuzione il debitore non decade da alcun diritto.*"

Il-legislatur Malti, fl-Artikolu 1711(d) segwa dan it-taghlim, u meta hemm dejn li hu, sa ammont fiss, garantit b'garanzija personali, kull hlas li jsir akkont ta' dak id-dejn ghandu jmur l-ewwel biex jissodisfa l-parti tad-dejn hekk garantit, u dan biex id-debitur jillibera ruhu mill-azzjoni ta' rivalsa li l-garanti jista' jezercita kontra tieghu.

Kwindi, l-ewwel Qorti kienet korretta bil-mod li stabbilit kif kellha ssir l-appropriazzjoni tar-rikavat tal-"*life policies*", u l-aggravju tal-bank attur m'ghandux ghalhekk jigi milqugh.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet moghtija, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-appell tal-bank appellant u tikkonferma s-sentenza appellata fl-interezza taghha.

L-ispejjez relatati mal-proceduri quddiem din il-Qorti jithallsu mill-bank attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------